**Kunsilli Lokali**

Meta l-Partit Nazzjonalista ressaq il-Ligi dwar il-Kunsilli Lokali fl-1993 il-Partit Laburista fl-Oppozizjoni kien ivvota kontra. Waqt id-dibattitu dwar il-ligi kienu qalghu hafna argumenti kontra t-twaqqif tal-Kunsilli Lokali - sahansitra li dawn kienu ser joholqu l-korruzzjoni.

Imma ghax il-Partit Nazzjonalista dejjem emmen fis-sussidjarjeta, jigifieri li l-poter ghandu jinfirex, baqa miexi u waqqaf il-Kunsilli Lokali. Dan ghax kien perswaz li hadd daqs in-nies li jghixu fil-lokalita ma jafu l-bzonnijiet tal-belt jew ir-rahal taghhom. Kemm kellna ragun !

Tant kien kontra l-Kunsilli Lokali l-Partit Laburista li ghall-ewwel lanqas kandidati 'ufficjali' ma kien jinnomina. Kien jinheba wara l-paraventu ta' 'indipendenti'. Illum wara dawra durella, il-hsieb dwar il-Kunsilli inbidel sew. Illum il-Kunsilli Lokali huma mharsa ghax minquxa fl-oghla ligi tal-pajjiz, il-Kostituzzjoni. Illum kull partit politiku li jezisti f'Malta huwa rapprezentat f'xi kunsill jew iehor.

Qabel ma twaqfu l-Kunsilli, kull triq li tinghata t-tarmak, kull bankina gdida, kull bozza li titwahhal, kull sinjal tat-traffiku kien jiehu hsiebhom xi ministru jew iehor. Illum kull belt u kull rahal f'Malta u Ghawdex ghandu bi dritt l-allokazzjoni finanzjarja tieghu li tithaddem kif l-ahjar li jahsbu il-kunsilliera eletti mir-residenti tal-lokalita. B'hekk tul dawn l-ahhar snin rajna l-qabza fil-kwalita fl-ibliet u rhula taghna, biex tjiebet il-kwalita tar-residenti ta' tista tghid kull lokalita fil-Gzejjer Maltin.

Il-Kunsilli wellidhom il-Partit Nazzjonalista u sostnijhom il-Partit Nazzjonalista li kull sena zied l-allokazzjoni finanzjarja li jinghataw biex jahdmu b'risq il-lokal taghhom. Mhux hekk ghamel Gvern Laburista, meta kien jamministra l-pajjiz ghax fiz-zewg budgets li pprezenta gvern immexxi minn Alfred Sant kull darba l-allokazzjoni ta' flus li inghataw il-Kunsilli.

Issa l-flus li jdahhlu l-Kunsilli mhumiex biss dak li jallokalhom il-Gvern Centrali, kwazi Lm31 miljun fl-ahhar tlett snin biss, izda grazzi ghal hidma ta' Gvern Nazzjonalista dawn illum qed igawdu minn sorsi godda ta' dhul bhal per ezempju mill-iskema ta' infurzar tal-ligi, mill-uzu ta' proprjeta, iktar minn 60 proprjeta, li hadu b'devoluzzjoni minghand il-Gvern Centrali, minn persentagg mill-licenzji. Dawn huma ammonti sostanzjali, kwazi Lm7 miljun lira fl-ahhar tlett snin, li komplew sahhew id il-Kunsilli biex jaghmlu progetti b'risq il-lokalita taghhom. Mhux biss, il-Gvern ta ukoll ghajnuna permezz ta' madwar 210 haddiem li gew assenjati ma' kull Kunsill Lokali (medja ta' 3 haddiema kull Kunsill, u li l-

pagi taghhom ihallashom il-Gvern, pagi li jammontaw ghal iktar minn Lm1 miljun fis-sena.

Mhux biss imma illum ghadd ta' Kunsilli kemm f'Malta u kemm f'Ghawdex qed iressqu proposti lill-Unjoni Ewropea biex tiffinanza progetti partikolari fil-lokalitajiet. Fost Kunsilli li hadu ghajnuna hemm il-Mosta, Valletta, Bormla, Birgu, l-Isla, Floriana, Santa Lucija, Zejtun, Kirkop, Rabat, Hamrun, Zurrieq u ohrajn.. Hafna huma l-Kunsilli li rcevew sommon sostanzjali ta' flus mill-Unjoni Ewropea. Li kien ghal Alfred Sant lanqas dawn il-flus ma kienu jistghu jinkisbu mill-Kunsilli Lokali ghax ma rridux ninsew li Alfred Sant ma riedx shubija fl-Unjoni Ewropea imma ried *partnership* !

Apparti minn hekk min imexxi il-Partit Laburista ma jemminx fl-awtonomija tal-kunsilli. Irid jindahlihom b`sistema soffokanti ta` spjunar, ta` kontrolli. F`diversi lokalitajiet fejn tela` Kunsill Laburista qaccat lil min kien qed jaghmel dmiru fil-Kunsill sempliciment ghax ried idahhal lil haddiehor flok

U l-metodi minn taht ma naqsux. Araw x'gara fil-Munxar ! Riedu jdawwru ghadd ta' voti minn lokalitajiet ohra sabiex ikunu jistghu jivvotaw fil-Munxar meta ma joqoghdux il-Munxar. Min jaf ghaliex?

Issa drajna lil Alfred Sant idur lokal lokal jaghti l-punti jew persentaggi dwar dak li twettaq mill-Kunsill. Speci ta' student li jaghmilha ta` ezaminatur ukoll u jaghti punti lilu nnifsu. Ovvjament kull kunsill immexxi minn maggoranza laburista ghandu punti gholja. Dawk immexxija minn maggoranza Nazzjonalista forsi forsi jilhqu l-50%, hafna jiehdu inqas. Hekk Hal Safi, l-iktar rahal naqif fil-pajjiz jinghata persentagg hafna inqas minn dak ta' Bormla. Is-Siggiewi fejn ma fadalx triq wahda biex issir bit-tarmac lanqas jibda mal-Hamrun !

Gvern Nazzjonalista mhux hekk. Gvern Nazzjonalista huwa gvern ghall-kunsilli kollha. Jemmen li kull min jidhol biex imexxi jkun qed jaghmel dan ghal gid tal-lokalita u allura jkun qed jaghmel gid ghall-pajjiz.

Nhar is-Sibt kull resident li fil-lokalita tieghu ser issir l-elezzjoni ghal Kunsill gdid ghandu jaghmel dmiru u jmur jivvota. B'hekk biss nistghu nizguraw il-futur tal-Kunsilli Lokali.